SAN LAWRENZ

Il-Minuti tad-disgħa u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Ġimgha 5 ta'Settembru 2009 fil-5:00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Noel Formosa |
| *Viċi-Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Membri:* | Luigia Grima<br>John Mercieca<br>Joseph Sultana |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 <u>Korrispondenza</u>**

3.1 Giet trattata l-ittra mingħand il-Comune ta' Colle Umberto fejn stiednu lis-Sindku Noel Formosa biex jattendi għaċ-ċelebrazzjoni tal-200 anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-Knisja. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jaċċetta għal din l-istedina u li l-vjaġġ tal-ajru għandu jitħallas mill-Kunsill.

3.2 Ġiet trattata l-ittra mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn infurmaw lill-Kunsill Lokali San Lawrenz li qed jiġi mogħti s-somma ta' €10,000 bħala fondi specjali biex jiġu użati fuq id-Dwejra. Is-sindku nforma lill-kunsilliera li dawn qed jiġu mogħtija lilna wara li applikajna meta kien hemm is-sejħa. Hawn hekk huwa faħħar u rringrazzja lis-segretarja tax-xogħol extra li qed isir biex ma nitilfu l-ebda opprotunita' ta' fondi.

3.3 Ġiet tratta wkoll il-korrispondenza mingħand id-Dipartiment tas-Saħħa dwar it-tilqima tal-influenza. Sar qbil li bħas-snin ta' qabel noħorġu avviż fejn inħeġġu lill-pubbliku dwar l-importanza ta' din it-tilqima u bhas-soltu nġibu tabib biex jeżerċita huwa t-tilqma fuq ir-residenti tagħna.

3.4 Ġiet trattata wkoll l-istedina biex il-Kunsill jipparteċipa fi proġett taż-żgħażagħ mall-UNESCO, kien hemm qbil dwar dan u kien hemm deċiżjoni billi nirrispondu li l-Kunsill huwa nteressat.

3.5 Ġiet trattata l-applikazzjoni tal-iżvilupp bin-numru PA 2990/09 dwar tibdil fil-pjanti tal-appartamenti li qed jinbnew fit-tarf ta' Triq it-Torri. Il-kunsill qabel li għandu jitlob aktar informazzjoni dwar din l-applikazzjoni peress li jidher li hemm xi problemi relatati ma dan l-iżvilupp.

3.6 Ġiet trattata l-ittra mingħand is-Segretarju Parlamentari Chris Said fejn talab il-koperazzjoni tal-Kunsilli Lokali meta kumpaniji tal-iffilmjar qed jiġu biex jitolbu l-permess mingħand il-Kunsilli Lokali.

3.7 Ġiet trattata l-Memo rigward il-promozzjoni ta' Festa Bnadar. Sar qbil li fl-avviżi tal-Kunsill għandna ninkludu avviż biex inħeġġu l-pubbliku jipparteċipa f'din l-attivita'.

## 4.0 Iż-żjara tal-Prim Ministru biex iqassam il-flus tas-Solar water heater

4.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li parti mill-fondi li l-Kunsill ħa biex isir l-istudju ta' l-żvilupp sostenibbli ser jgħaddu bħala sussidju lil dawk li ppartecipaw fl-iskema ta' xiri ta' solar heater. Saret diskussjoni kemm għandu jkun dan is-sussidju fid-dawl ta' kemm qed jieħdu sehem f'din l-iskema u kien hemm qbil li kull applikant li rċieva l-konferma mingħand l-MRRA għandu jingħata s-somma ta' €140. B'hekk bl-€460 li jieħdu mingħand il-Gvern u l-€140mingħand il-Kunsill ikunu ħadu b'kollox €600

4.2 Il-Kunsill iddiskuta l-programm tal-attivitajiet għaż-żjara tal-Prim Ministru li ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 11 ta' Settembru 2009.

4.3 Ġiet mfassal dan il-programm, fit-15:30 għandha tinżamm attivita' għat-tfal li tinkludi pittura ta mural b' materjal riciklat filwaqt li fl-1600 kull participant iħawwel pjanta fit-traffic island li hemm mal-monument ta' Dun Ġużepp Cauchi. Wara jsir id-diskors mill-Prim Ministru u jitqassmu l-flus lill-parteċipanti kollha.

4.4 Il-Kunsill qabel ukoll mal-proposta tas-sindku li għal din l-okkażżjoni għandha ssir tabella ekoloġika fejn fiha nniżlu l-ammont ta' $CO_2$ li qed jigi frankata mill-arja permezz tal-proġetti ekoloġiċi li jwettaq il-Kunsill f'dawn l-aħħar sentejn.

**5.0 It-Traffic calmers ta' Triq il-Wileġ u Triq Nicholas Monsarrat**

5.1 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li mmedjatament għandhom jiġu nstallati *traffic calmers* fi Triq Nicholas Monsarrat, waħda ssir qabel ma taqbad il-*playing field* u tnejn fi Triq il-Wileġ, fil-bidu tat-triq u fit-tarf tagħha. Sar qbil ukoll li fil-bidu Triq Nicholas Monsarrat għandha tiġi nstallata wkoll *traffic island* żgħira tal-lastku.

5.2 Apparti dan il-proġett ta' traffic calmers l-Kunsill iddeċieda li għandu jimbarka fuq proġett ta' żebgħa ta' yellow lines f'kull kantuniera tar-raħal.

**6.0 Proposta oħra għal post alternattiv tal-Kunsill**

6.1 Is-Sindku rrefera għal post li jinsab għal bejgħ jew kera li fi Triq id-Duluri proprju ma genb l-iskola, il-post tal-familja Mercieca. Huwa semma li l-pożizzjoni ta' dan il-post hija waħda ideali ferm għall-uffiċju tal-Kunsill u wkoll peress li l-post huwa kbir, faċilment jista jservi għal servizzi oħra bħal ma huwa għassa tal-pulizija u latrina pubblika.

6.2 Sar qbil li s-Sindku u s-Segretarja għandhom imorru jaraw dan il-post u nerġgħu nitkellmu fil-laqgħa li jmiss.

**7.0 Attivita' f'Ottubru**

7.1 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni oħra li ssotomejna sottomessa quddiem l-Unjoni Ewropea sabiex f'Ottubru tinżamm konferenza u attivita marbuta magħha. Bi pjaċir ħabbar li din l-applikazzjoni ġiet accettata u l-Kunsill ser jibbenifika minn madwar €21,000. Huwa semma li permezz ta' din l-applikazzjoni nistgħu nistiednu 125 parteċipant li għandna x'naqsmu magħhom bħala ġemellaġġ, li huma Colle Umberto, Marciana Marina u La Ballme de Sillingy.

7.2 Il-Kunsill qabel li għandha ssir konferenza l-Ġimgha 30 t'Ottubru filwaqt li l-attivita għandha ssir is-Sibt 31 t'Ottubru . Is-Sindku propona li bħala grupp prinċipali għall-attivita tas-Sibt għandna nistiednu lil grupp Winter Moods, li huwa group popolari ħafna fil-preżent.

7.3 Sar qbil li din l-attivita għandha tiġi organizzata mill-Kumitat tal-Ġemellaġġ u wara l-laqgħa tal-Kumitat jingħata rendikont lil Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

**8.0 Ftuħ tal-Uffiċju tal-Kunsill nhar ta' Sibt**

8.1 Ġiet tratta wkoll Memo___ fejn tesiġi l-ħtieġa li l-ufficini tal-Kunsill ikunu miftuħa nhar ta' Sibt filgħodu. Is-Segretarja semmiet li hija u s-Sindku ddiskutew dwar il-possibilita li l-ufficju jinfetaħ mis-Segretarja Lucienne Haber filwaqt li hija taqleb għas-sistema ta' 6-day week fejn taħdem sas-2:00 mit-Tnejn sal-Ġimgħa u sa nofsinhar nhar ta' Sibt. Minn naħa l-oħra ntlaħaq ftehim bejn is-Segretarja u l-iskrivana tal-Kunsill biex hija taħdem mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn l-10:00 u l-16:00 mit-Tnejn sal-Ġimgħa biex b'hekk l-ufficju jkun miftuħ kuljum sal-1600. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta u sar qbil li għandha tibda titħaddem b'effett mill-1 t'Ottubru, dwar dan għandna ninfurmaw lin-nies fl-ewwel ħarġa ta' l-Avviżi tal-Kunsill.

8.2 Sadanittant is-Sindku esprima s-sodisfazzjon tiegħu għas-servizz li qed jagħti l-ħaddiem tal-ETC bħala skrivan tal-Kunsill. Huwa semma li qed iwettaq xogħol tajjeb ħafna u huwa utli ħafna għal Kunsill.

## 9.0 Youth exchange f'Palma de Mallorca

9.1 Is-Sindku rrefera għall-invit ta' *youth exchange* oħra, din id-darba f'Palma de Mallorca b'kontinwazzjoni mal-*Youth exchange* li nżammet f'Sardegna f'Settembru tal-2008. Din l-*exchange* kienet titlob li jekk jista jkun l-parteċipanti jkun l-istess biex id-diskussjoni ta Sardegna tibqa għaddeja. Is-Sindku semma li l-organizatturi wrew ix-xewqa li bħala *leader* tmur mara u għalhekk huwa propona li l-Kunsilliera Luiġia Grima biex takkumpanja l-grupp. Il-kunsilliera qablu ma din il-proposta. Huwa semma li għal dan il-proġett, bħal proġetti oħrajn tal-ewropa hemm il-fondi u d-differenza tinħareġ miż-żgħażagħ li ser jipparteċipaw.

## 10.0 Materji oħra

10.1 Is-Sindku rrefera ghall-inċident li ġara lill-ħaddiem ex WSC Joseph Cauchi waqt il-ħin tax-xogħol. Huwa semma li wara intervent minn naħħa tal-Kunsil huwa jinsab bil-*leave full pay* klassifikat bħala *"Injury on duty"*.

10.2 Is-Sindku rrefera wkoll għas-suċċess miksub mill-Festa tat-Tadam li kienet organizzata f' Awissu li għadda flimkien mal-Ministeru ta' l-affarijiet rurali Huwa semma li din l-attivita' ser tifforma parti mill-kalendarju annwali tal-Kunsill,kif ukoll tal-Gvern u dejjem fil-jiem qrib il-festa.

10.3 Sar qbil li fid-Dwejra għandhom isiru signs biż-żebgħa bil-kliem "Keep clear Slipway " u ma kull slipway tinżebagħ slippery.

10.4 Il-kunsillier Joseph Sultana reġa qajjem il-punt dwar il-ħtieġa ta' nfurzar fuq is-sajd bin-nases. Is-Sindku semma li għalkemm hu qed jagħmel ir-rapporti meħtieġa ma l-awtoritajiet, pero biex l-infurzar jista' jseħħ fil-verita', għandu jkun hemm infurzar fiżikament fuq il-post. Huwa qal li għandu jerġa jitkellem man-Nature Trust dwar dan.

10.5 Is-Segretarja rreferiet għal rapport li daħal fil-Kunsill minghand l-ADT li xi ħadd vandalu qala' il-Bus Stop fi Triq San Lawrenz. L-ADT talbet lil Kunsill sabiex terga titwaħal minnufih. Hija nfurmat lil kunsill li sadanittant ġiet ordnata t-tabella u mwaħħla fejn kienet flimkien maż-żebgħa fl-art.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:00 ta' filgħaxija.

Noel Formosa
Sindku

Lucienne Haber
Segretarju Ezekuttiv